# IL-FONTANA ...fl-Imgħoddi



***Sensiela informattiva u edukattiva dwar il-Fontana***

*minn* **Dr. Raymond C. Xerri**

PhD (Australia), M.A. (Dip. St.)(Malta), D.D.S., E.U. Sch.(E.U. Law)(FRG), B.A.(Hons.)(USA)

## L-EMIGRAZZJONI MILL-FONTANA LEJN PAJJIŻI TAL-MEDITERRAN

Il-Fontana raħal jew belt? Il-Fontana huwa raħal ċkejken f'Għawdex, pero' huwa raħal imdaqqas f'għajnejn id-dinja. Min jaf kemm hemm nies mill-Fontana jgħixu fil-bliet ta' Melbourne u Sydney fl-Awstralja; f'New York u Detriot fl-Istati Uniti ta' l-Amerika; f'Toronto fil-Kanada; f'Londra fl-Ingilterra? U fi bliet oħra? F'dan l-artiklu u oħrajn futuri ser naraw kif il-Fontana kiber u nfirex f'dawn f'bliet madwar id-dinja. Qabel din l-emigrazzjoni kien hemm emigrazzjoni oħra, l-emigrazzjoni lejn il-pajjizi ġirien tagħna fil-Mediterran.

## GĦAWDEX GŻIRA TAL-EMIGRANTI

Sa mill-qedem il-gżira Għawdxija kienet il-post ta' emigrazzjoni u immigrazzjoni. Nies ġejjin u nies sejrin, biex jgħixu hawn u oħrajn biex jfittxu xogħol f'art oħra. Għawdex huma gżira ta' l-emigranti – miż-żjara ta' Ulyssis fl-Għar ta' Kalypso fix-Xagħra fit-mitologija Griega sas-servizz ta' l-Air Malta lejn diversi bliet Ewropej. L-Għawdxin huwa poplu nobbli ħafna li nfirex f'ħafna pajjiżi madwar id-dinja: fl-Awstralja b'madwar 60,000 Għawdxi; fl-Istati Uniti madwar 25,000 u fil-Kanada madwar 18,000 biex insemmi ftit. Hemm għadd kbir ta' komunitajiet f'pajjiżi oħra bħall-Ingilterra, fi Franza u xi pajjiżi oħra tal-Mediterran. F'dan l-artiklu ser nittratta l-emigrazzjoni mir-raħal tal-Fontana lejn xi pajjiżi tal-Mediterran, l-ewwel lejn il-pajjiżi Għarab bħat-Tuneżija, l-Alġerija, l-Marokk u l-Eġittu u mbagħad lejn pajjizi tal-Ewropa t'isfel bħal Franza, l-Greċja u Ċipru fost oħrajn.

## L-EMIGRAZZJONI LEJN IL-PAJJIŻI TA' L-AFRIKA TA' FUQ

L-ewwel emigrazzjoni ta' nies mill-Fontana kienet lejn pajjiżi ta' l-Afrika ta' Fuq, l-aktar lejn l-Alġerija, t-Tunezija u l-Eġittu fil-bidu tas-seklu dsatax fejn Malta kienet għadha kif saret kolonja tal-Imperu Ingliz. Dak iż-żmien, infetħu ħafna opportunitajiet għall-poplu tagħna għaliex kull Malti u Għawdxi kien sar sudditu Ingliz bi drittijiet kbar. B'hekk kull kolonja Ingliza kienet aċċessibbli għall-Maltin u l-Għawdxin. Dan kien jinkludi l-Eġittu, Ċipru u Ġibiltà fiż-żewġt itruf tal-Baħar Mediterran. Numru ta' nies mill-Fontana emigraw lejn il-bliet ta' Lixandra u l-Kajr fejn bdew ħajja ġdida hemm sa ma fl-1956 ir-reġim Eġizzjan keċċiehom u ħadilhom il-propjeta' li kienu akkwistaw matul is-snin. Il-maġġoranza tagħhom spiċċaw emigraw lejn l-Awstralja jew l-Ingliterra.

## IL-PAJJIŻI LI JITKELLMU BIL-FRANĊIŻ - L-ALĠERIJA, T-TUNEŻIJA U FRANZA

Il-Knisja Għawdxija kienet fost il-pionieri fil-missjonijiet fl-Afrika ta' Fuq fejn bagħtet missjonarji lejn dawn il-pajjiżi bl-iskop ta' evangelizzazzjoni. Maż-żmien numru ta' nies mill-Fontana marru f'dawn il-pajjiżi; l-aktar fl-Algiers, Bona u Phillipaville, fl-Algerija u f'Tunes, fit-Tunezija. Minkejja li dawn il-pajjiżi kienu kolonji Franċiżi u l-poplu tagħhom jitkellmu bil-Franċiż u bl-Għarbi, nies mill-Fontana kienu jitkellmu bid-djalett Għawdxi u l-Għarab kienu jifhmuhom billi d-djaletti tagħna jixbhu l-Għarbi klassiku.

Mill-arkivji tal-passaporti li nsibu fiċ-Ċentru Nazzjonali tal-Arkivji Santo Spirito fir-Rabat ta' l-Imdina ħafna nies mill-Fontana kienu bdiewa jew ħaddiema tal-id li marru biex jaħdmu mall-familji sinjuri Franċiżi li kellhom il-biċċa l-kbira tal-art f'dawn il-pajjiżi. Maż-żmien dawn l-emrigranti Fontanin tgħallmu ftit Franċiż u mxew fuq l-eżempju tal-pajżana fejn kienu jgħixu u emiġraw lejn Franza għall-bliet ta' Marsilja u dik ta' Lyon fejn kien hemm xogħol fil-portijiet u l-industriji li nibtu mal-kosta Franċiża. Il-komunità mill-Fontana f'Marsilja kienet tgħix fil-viċinanzi tal-port famuż ta' din il-belt fejn kien hemm xogħol tal-portijiet simili għax-xogħol li kien isir fil-portijiet tagħha u l-industrji li nibtu wara r-revoluzzjoni industrijali. L-istess fil-Belt ta' Lyon li għalkemm mhix belt b'port, hi l-aktar belt industrijalizzata fi Franza wara Pariġi. Illum insibu ħafna nies f'dawn il-bliet u madwar Franza kollha ta' dixxendenza mill-Fontana li numru żgħir minnhom - ħafna drabi tlieta jew erba' ġenerazzjonijiet wara, jiġu mill-Fontana jfittxu l-għeruq tal-familja tagħhom, l-arblu tar-razza li joriġina mill-Fontana.

## IL-MAROKK U L-LIBJA

Jeżistu ftit nies mill-Fontana, anzi waħdiet fl-Marokk u l-Libja li qatt ma kienu postijiet populari għall-emigrazzjoni. Fil-Marokk dawn kienu jgħixu fil-bliet tar-Rabat u Casablanka u fl-ibliet ta' Tripoli u Bengażi fil-Libja. Fil-Libja ta' l-1940, l-Għawdxin u l-Maltin kienu arrestati u ntbagħtu fil-kampijiet fl-Italja meta l-Italja ddikjarat gwerra kontra l-Ingilterra. Wara tlett snin dawn tħallew imorru lura l-Libja pero' wara li l-Libja kisbet l-Indipendenza fl-1951 ħafna emigraw lejn l-Awstralja u postijiet oħra.

## L-EĠITTU

Il-Fontanin bħal eluf ta' Għawdxin u Maltin oħra emigraw lejn il-bliet ta' Lixandra, il-Kajr u Port Said fl-Eġittu. Dan il-pajjiż kien fost l-aktar destinazzjonijiet populari għall-emigrazzjoni fejn insibu li fl-1927 kien hemm 20,000 Malti u Għawdxi fl-Eġittu. Fl-1822 meta l-Ingilterra attakkat lil Lixandra madwar 8000 emigrant rritornaw lura lejn Malta u Għawdex. Fost dawn insibu Fontanin li baqgħu f'Għawdex jew emigraw lejn l-Awstralja. Fil-fatt fl-1950 waqt il-Presidenza ta' Nasser, il-maġġoranza tal-emigranti Għawdxin ħarbu mill-Eġittu u emigraw lejn l-Awstralja jew l-Ingilterra. Illum waħdiet jeżistu familji ta' oriġini mill-Fontana fl-Eġittu.

## ĠIBILTÀ, SPANJA U L-GREĊJA

L-istess nistgħu ngħidu għall-blata ta' Gibiltà. Waħdiet jgħixu fuq din il-blata, u l-istess nistgħu ngħidu għall-bliet ta' Valenza, Barcellona u Madrid f'Spanja.

Il-gżejjer tal-Ijonju, jiġifieri Korfu u Cephalonja kienu populari ħafna. Taħt ir-Renju Ingliz dawn il-gżejjer saru d-dar ta' ħafna emigranti Fontanin u Għawdxin li fl-1815 sabu xogħol f'għadd ta' proġetti li kien qiegħed jitwettqu hemm. Il-Kummissarju Għoli Ingliz f'Malta, Sir Thomas Maitland ippermetta eluf ta' Maltin u Għawdxin jmorru jaħdmu f'Ċipru sew biex isir ix-xogħol fuq għadd ta' proġetti kif ukoll biex tissaħħah l-influenza Ingliza fuq il-gżira b'populazzjoni Griega. Fl-1864 l-Ingilterra tat lil dawn Iż-żewg gżejjer lura lill-Greċja b'riżultat li l-emigrazzjoni lejn dawn il-gżejjer waqfet u ħafna Maltin u Għawdxin emigraw lejn il-Belt ta' Ateni u l-Port ta' Pireus kif ukoll lejn il-belt port ta' Kardiff, f'Wales. Għad hemm ħafna Għawdxin fosthom mill-Fontana f'Korfu l-aktar f'Cozzella li hija belt imsemmija għal Għawdex u f'Malteżika imsemmija għal Malta.

## ĊIPRU U T-TURKIJA

Fil-każ ta' Ċipru nsibu komunitajiet żgħar mill-Fontana li kienu emigraw hemm wara l-1878 meta Ċipru saret kolonja Ingliza. Minbarra l-Għawdxin li marru mat-truppi Inglizi nsibu li fl-1925 kien hemm pjani biex komunità ta' 2,000 Malti u Għawdxi jibdew raħal hemm pero' n-nuqqas ta' flus mill-Ingilterra u l-marda tal-Malarja waqqfet kollox.

Il-bliet ta' Konstantinopli u Smyrna jew Izmir kienu l-portijiet fejn numru żgħir ta' Għawdxin emigraw biex jaħdmu hemm. Fl-1912 insibu li kien hemm 3,000 Malti u Għawdxi fid-distrett ta' Galata. F'Iżmir kien hemm komunita' żgħira li sa l-1940 kienu kważi kollha telqu lura lejn Malta u Għawdex imħabba nkwiet fil-pajjiż.

## IR-RWOL TAL-KNISJA GĦAWDXIJA

L-emigranti Fontanin dejjem fittxew postijiet fejn ikollhom knisja kattolika jew komunita' missjonarja nisranija fil-viċin. Dan kien essenzjali għalihom mhux biss iżommu l-identità nisranija tagħhom Iżda anke sakemm isibu posthom u jitgħallmu l-lingwa tal-post kellhom moħħhom mistrieħ li kellhom lil xi ħadd ta' skola li seta' jaqlagħhom f'każ ta' bżonn. Il-missjonarju u l-emigrant Għawdxi kienu jikkomplimentaw lil xulxin u jagħmlu kuraġġ b'xuxlin.

M'għandniex xi ngħidu, meta xi ħadd kien jirritorna lejn Għawdex, żgħażagħ subien Fontanin kienu jistaqsu ħafna mistoqsijiet dwar il-post u l-aktar fil-ħwienet ta' l-inbid li kienu mxerrdin mar-raħal. Mistoqsijiet komuni kienu: "Kif inhu l-post? Hemm xejn xogħol? Kif ser nitla' miegħek? Irranġali...!"

L-emigrazzjoni lejn dawn il-pajjiżi bdiet jonqos mal-Ewwel Gwerra Dinija u spiċċat għal kollox mal-bidu tat-Tieni Gwerra Dinija, b'emigrazzjoni lejn dawk il-pajjiżi kien l-ewwel pass għall-persuni mill-Fontana li fid-dekani ta' wara nfirew sat-truffijiet tad-dinja. Il-kuraġġ u l-karattru tagħhom waslu biex ma jibqax biss ċittadin minn Fontana, Għawdxi jew Malti, iżda verament ċittadin tad-dinja moderna. Mexxa maż-żminijiet u għamel passi ta' ġgant 'il quddiem, minkejja li ħafna drabi mill-Fontana bħal kumplament t'Għawdex kien minsi mill-ħakkiema Ingliżi u wara mill-gvernijiet ċentrali Maltin.

***Referenzi:-***


Attard, Lawrence E., *Early Maltese Emigration (1990-1914)*, Publishers Enterpises Group (P.E.G.) Ltd., Malta, 1983.

*L-Arkiviji ta' l-applikazzjonijiet tal-passaporti fiċ-Ċentru ta' l-Arkiviji Nazzjonali Santo Spirito, fir-Rabat ta' l-Imdina, Malta (1840-1940).*

Cini, Charles, *Gozo - The Roots of an Island*, Said International Ltd., Malta, 1990.

Donato, M, *L'Emigration des Maltais en Algerie ai XIX eme Siecle*, Montpellier., France, 1985.

Galea, E., *Retour des Ermites de St. Augustin en Afrique du Nord,* Bascone et Muscat, Tunesija, 1956.

Ganiage, J., *La Popolation Europeen de Tunis au milieu du XIX Siecle,* Parigi, 1960.

Xerri, Raymond C., *Gozo in the World and the World in Gozo: a cultural impact of migration and return migration on an island community,* Victoria University, Melbourne, Australia, 2000.